MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 451/2007

**L-avukat Dr Henri Mizzi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 143565 (M), bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta estera The Football Association Premier League Limited ta' 30, Gloucester Place, Londra W1U 8PL; u s-soċjeta Melita Cable plc (C 12715) u b'digriet tal-5 ta' Settembru 2011 il-Qorti ordnat li s-socjeta' Melita Cable plc (C 12715) biddlet isimha ghal Melita plc kif jidher mir-rezoluzzjoni ta' l-istess socjeta'**

**v.**

**Telestarr Limited (C 8957)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-atturi fit-23 ta' April, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

(1) L-avukat Dr Henri Mizzi huwa awtorizzat jippreżenta dan ir-rikors ġuramentat għan-nom tas-soċjeta The Football Association Premier League Limited ("PL") abbażi ta' mandat, kopja ta' liema tinsab annessa ma dan ir-rikors bħala dokument "A". Ħlief għal fatti li rriżultaw fil-kors ta' trattativi mas-soċjeta intimata, huwa ma jafx personalment il-fatti li taw lok għal dan ir-rikors ġuramentat, liema fatti ġew ikkomunikati lilu mir-rappreżentanti ta' PL. L-avukat Dr Jean Pierre Scerri jaf il-fatti li ser isegwu personalment.

(2) PL hija l-proprjetarja tad-drittijiet ta' l-awtur tal-*footage* ("il-*Footage*") tal-logħob tal-Premier League ta' l-Ingilterra ("il-Logħob").

(3) Bħala parti min-negozju tagħha, PL tilliċenzja lil diversi entitajiet madwar id-dinja sabiex dawn ikunu jistgħu jxandru l-Logħob taħt it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti relattivi;

(4) Il-kumpannija hekk illiċenzjata f'Malta hija biss il-Melita Cable plc;

(5) Dawn l-entitajiet esteri u wkoll, lokalment, il-Melita Cable plc, jxandru l-Logħob permezz ta' satelliti u jbiegħu s-servizz tagħhom lill-konsumaturi f'dawk it-territorji li fihom huma jkunu awtorizzati jxandru;

(6) Dawn l-entitajiet jipprovdu s-servizz tagħhom billi, fost affarijiet oħra, jfornu lill-konsumaturi b'*decoders* u/jew b'*cards* elettronċi li, permezz tagħhom, il-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw ix-xandiriet tal-Logħob;

(7) Kull entita liċenzjata tkun kuntrattwalment marbuta skond it-termini tal-kuntratti rispettivi ma l-PL, illi taċċerta ruħha illi l-Logħob ma jiġix trasmess barra mit-territorju li fih hija tkun illiċenzjata li tawtorizza t-trasmissjoni tal-Logħob ("it-Territorju Liċenzjat") u ulterjorment sabiex taċċerta ruħha illi ma jiġu awtorizzati jew użati ebda mezzi (inkluż *tramite cards* elettroniċi jew *decoders)* bil-kunsens ta' tali entita liċenzjata, b'tali mod

illi jiġi permess illi xi persuna ssegwi trasmissjoni tal-Logħob barra mit-Territorju Liċenzjat fi kwalunkwe forma. Sabiex taderixxi ruħha ma dan l-obbligu, kull entita hekk illiċenzjata tiġi avżata mill-PL, sabiex tadotta l-prassi li taċċerta ruħha li l-konsumaturi li jixtru s-servizz jipprovdu ndirizz fit-Territorju Liċenzjat u konsegwentement ix-xandir suppost li jinqabad biss f'dak l-indirizz fit-Territorju Liċenzjat.

(8) PL u Melita Cable plc jafu illi s-soċjeta intimata kienet qed tbiegħ *cards* bħal ma huma per eżempju SKY (UK), SKY (Italia), TPS, ART u Digi Alb lill-konsumaturi diversi u dan bi ksur tad-drittijiet ta' l-awtur ta' PL fuq il-*Footage* tal-Logħob u tal-Melita Cable plc, din ta' l-aħħar bħala l-unika soċjeta li hija awtorizzata f'Malta illi tittrasmetti l-Logħob. PL qatt ma awtorizzat ix-xandir tal-Logħob *tramite* dawn il-*cards* u oħrajn f'Malta u l-unika soċjeta debitament illiċenzjata sabiex titrasmetti l-Logħob f'Malta hija l-Melita Cable plc. Wara li l-PL u l-Melita Cable plc ippreżentaw protest ġudizzjarju (535/06, kopja annessa bħala Dok "B") kontra s-soċjeta intimata, din infurmat lir-rikorrenti li hi kienet waqfet tikser id-drittijiet tagħhom, u wriet ix-xewqa li tittransiġi l-pretensjoni tar-rikorrenti għad-danni;

(9) PL u l-Melita Cable plc aċċettaw li jidħlu f'diskussjonijiet ta' transazzjoni, pero' għamluha ċara lis-soċjeta intimata, u lill-avukat tagħha, li aċċettaw, li tali diskussjonijiet ma kienux ser ikunu fuq bażi mingħajr preġudizzju, u cioe' li l-ammissjoni tas-soċjeta intimata magħmula waqt dawn id-diskussjonijiet u kif ukoll dak li kienet pronta taċċetta, setgħu jintużaw kontriha;

(10) Il-partijiet fil-fatt ipproċedew biex jittentaw jittransiġu l-pendenza u kien hemm varji abbozzi ta' ftehim proposti (vide Dokument "C"), pero' dawn il-proposti ma wasslux għal transazzjoni;

(11) In-negozju tas-soċjeta intimata bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti kkawża preġudizzju serju lil PL u lil Melita Cable plc.

Talab ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex abbazi tas-suespost din il-Qorti m'ghandhiex :

11.1 tiddikjara illi bl-aġir tagħha s-soċjeta intimata kisret id-drittijiet ta' l-awtur ta' PL u d-drittijiet ta' Melita Cable plc, din ta' l-aħħar bħala l-unika soċjeta f'Malta illi hija awtorizzata titrasmetti l-Logħob;
11.2 tiddikjara illi minħabba f'dan l-aġir, l-PL u l-Melita Cable plc sofrew danni;
11.3 tillikwida dawn id-danni; u
11.4 tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-protest numru 535/06; u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti fil-każ li l-ksur tad-drittijiet tagħhom jerġa jibda jseħħ.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

(i) illi preliminarjament b'referenza ghat-tieni paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta estera The Football Association Premier League Limited ghandha ggib prova illi hija l-unika proprjetarja tal-'footage' tal-loghob tal-Premier League fl-Ingilterra;

(ii) illi prelimininarjament ukoll b'referenza ghar-raba paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta rikorrenti l-ohra Melita Cable plc ghandha ggib prova illi hija l-unika licenzjata f'Malta sabiex ixxandar l-imsemmi loghob b'mod esklussiv;

(iii) illi fil-mertu t-talbiet attrici tas-socjetajiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

(iv) illi b'referenza ghas-sitt paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta intimata ma hija marbuta b'ebda obbligazzjonijiet kuntrattwali ma' l-ebda wahda mis-socjetajiet rikorrenti u ghaldaqstant dak li gie miftiehem

kuntrattwalment bejn is-socjetajiet rikorrenti u entitajiet ohra jikkostitwixxi res inter alios acta fil-konfront tas-socjeta esponenti;

(v) illi fi kwalsiasi kaz s-socjeta esponenti agixxiet legalment kif ukoll in buona fede u ghaldaqstant ma tista' tinzamm responsabbli ghal ebda danni reklamati mis-socjetajiet rikorrenti;

(vi) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjetajiet rikorrenti ghandha iressqu prova cara u mhux ipotetika tad-danni allegatament minnhom sofferti kif ukoll li tali danni allegatament sofferti huma rizultat ta' xi azzjoni jew ommissjoni da parti tas-socjeta esponenti;

(vii) illi inoltre kuntrarjament ghal dak li jinghad f'paragrafu 9 tar-rikors guramentat, in-negozjati u d-diskussjonijiet li setghu saru qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni saru dejjem fuq bazi ta' minghajr pregudizzju u dana kif jirrizulta mid-dokument C anness mas-socjetajiet rikorrenti (partikolarment e-email datat 5 ta' Frar 2007 mibghut mill-Avukat Dr Antonio Ghio lill Avukat Dr Marisa Azzopardi) fejn gie dikjarat specifikatament u unekwivokalment fl-inizju tal-imsemmija diskussjonijiet li dawn kienu qed isiru minghajr pregudizzju. Ghaldaqstant kwalsiasi dokument jew trattativi li jsegwu l-5 ta' Frar 2007 mhumiex produccibli bhala prova u huma suggetti ghall-isfilzar.

(viii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni li s-socjeta’ konvenuta kisret d-drittijiet tal-awtur tas-socjeta estera The Football Association Premier League Limited u d-drittijiet ta’ esklussivita ta’ melita cable plc u tliet talbiet konsegwenzjali, u cioe’ talba dikjaratorja li minhabba l-agir tas-socjeta’ konvenuta, l-atturi sofrew danni, talba ghal-likwidazzjoni ta’ danni u l-ahhar talba ghal kundanna tal-hlas ta’ danni.

Illi min-naha taghha s-socjeta’ konvenuta ressqet numru ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk, f’dan l-istadju il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti u tiddeciedi l-istess:

**1. Dwar l-ewwel eccezzjoni fis-sens li s-socjeta’ estera The Football Association Premier League Limited trid iggib il-prova li hija l-unika proprjetarja tal-*footage* tal-loghob tal-Premier League fl-Ingilterra**:

Il-Qorti tirrileva li l-prova relattiva mal-eccezzjoni msemmija, u cioe’ li The Footbal Association Premier League Limited hija l-uniku proprjetarja tal-*footage* tal-loghob tirrizulta kemm mix-xiehda ta’ Oliver Weingarten[1] fejn jispjega b’mod dettaljat id-drittijiet li ghandha FAPL kif ukoll minn Dok OW3[2] (cioe’ dokument relatat mal-*assignment and Licence of Copyright* bejn il-Premier League u l-*British Broadcasting Authority*), Dok OW4[3] (cioe’ dokument relatat mal-*assignment and Licence of Copyright* bejn il-Premier League u l-*British Sky Broadcasting Limited*) u Dok OW5[4] (cioe’ dokument relatat mal-*International Production of Premier League Football Matches* bejn il-Premier League u TWI (UK) Limited (TWI) relatat mal-*assignment* tal-*copyright in the World Feed and Support Programming throughout the world in the World Feed*). Il-Qorti taghmel referenza specifika ghal klawsola 3.1 u li permezz taghha s-socjeta

1 Esebit a fol 306 tal-process

2 Esebit a fol 321 – 324 tal-process

3 Esebit a fol 327 -332 tal-process

4 Esebit a fol 336 tal-process

attrici inghatat **the entire copyright in the world feed and support programming throughout the world’,** b’dan li *world feed* tfisser ‘***a fully produced, live and continous feed of each match during each season during the term, complete with FAPL graphics, FAPL music and live commentary made available to and suitable for transmission by FAPL licensees within their terriitories***’[5].

Illi abbazi ta’ dan li s-socjeta attrici ghandha d-dritt li tghaddi biex tawtorizza lil diversi entitajiet madwar id-dinja, u f’Malta lil min trid u dan sabiex jixxandru l-loghob taht termini u kundizzjonijiet specifikament imnizzla fil-kuntratti relattivi. Ghalhekk il-Qorti, gialadarba s-socjeta’ konvenuta m’hijiex qieghda tikkontesta l-istess dokumenti f’dan ir-rigward, ma gabet l-ebda prova dokumentarja jew xorta ohra bil-kuntrarju sabiex tipprova xxejjen l-istess premess, jirrizulta konfermat mid-dokumenti esebiti u msemmija aktar ‘il fuq li l-*broadcast* tal-loghob isir biss mill-BBC jew mill-BskyB u t-tnejn li huma assenjaw id-drittijiet tal-awtur fuq il-*footage* tal-loghob lil Premier League u jirrizulta wkoll li l-Premiser League ghandha ukoll id-dritt li tuza l-grafika muzika u l-kummentarju ta’ ma kull loghba[6], qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ intimata.

**2. Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe’ dik li l-Melita ghandha ggib prova illi hija l-unika licenzjata f’Malta sabiex ixxandar il-loghob tal-premier league b’mod esklussiv:**

Illi dwar din l-eccezzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal Dok OW1[7], l-*agreement* bejn il-Premier League u s-socjeta’ Melia Plc gia Melita Cable Plc u li permezz ta’ klawsola numru 3 *et seq* l-istess, Premier League iggarantixxa l-esklussivita’ tal-licenzja f’Malta ghax-xandir tal-loghob tal-Premier League (liema dokument juri li t-terminu ta’ applikazzjoni tieghu huwa relattiv mill-ewwel

5 Ara d-definizzjoni ta’ ‘World Feed’ a fol 337 tal-process esebita f’Dok OW5

6 Ibid

7 Esebit a fol 172 tal-process

gurnata tas-*season* tas-sena 2004/2005 sal-ahhar gurnata tas-*season* tas-sena 2006/2007) u Dok OW2[8] (liema dokument juri li t-terminu ta' applikazzjoni tieghu huwa relattiv mill-1 ta' Awwissu 2007 sal-31 ta' Mejju 2010) bhala l-*agreement* bejn il-Premier League u s-socjeta' Melia Plc gia Melita Cable Plc u li permezz ta' klawsola numru 3 *et seq* l-istess Premier League iggarantixxa l-esklussivita' tal-licenzja f'Malta ghax-xandir tal-loghob tal-Premier League. Il-Qorti tara illi dawn il-klawsoli msemmija huma cari bizzejjed u ma jhallu ebda dubju dwar l-intenzjoni ta' bejn il-partijiet relatata mal-istess esklussivita'.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Jean Pierre Scerri[9] fejn jiddikjara bl-aktar mod car u inekwivoku li:

'***il-Melita hi l-unika persuna li hija awtorizzata u debitament illicenzjata sabiex lokalment u cioe f'Malta u Ghawdex tkun tista' tittrasmetti l-loghob tal-premier league tal-Ingilterra***". *Stante* li tali xiehda u dikjarazzjoni hija kkorraborata mill-kuntratti esebiti u msemmija aktar 'il fuq, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' rikorrenti Melita Plc ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi l-fatt li kellha dritt esklussiv fuq ix-xandir tal-loghob tal-premier ingliz u ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qieghda tigi michuda. Il-Qorti tirrileva wkoll li hekk kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, dan bl-ebda mod ma jfisser li tali esklussivita' hija wahda legali u fil-parametri tal-ligi tal-kompettitivita', kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem.

**3. Dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur u ksur tad-dritt ta' esklussivita' tas-socjeta' Melita Plc (u cioe' l-mertu tal-kaz odjern) u dan fid-dawl tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' li t-talbiet tas-socjetajiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-mertu tal-kawza jdur fuq allegat ksur tad-drittijiet tal-awtur u ksur tad-drittijiet ta'

---

8 Esebit a fol 230 tal-process

9 Ara l-affidavit ta' Jean Pierre Scerri esebit a fol 86 tal-process

esklussivita' tas-socjeta' Melita Plc u ghalhekk, ghall-finijiet ta' pratticita', il-Qorti ser tiehu z-zewg allegati ksur tad-drittijiet b'mod separat:

Ksur tad-Drittijiet tal-Awtur

Illi s-socjeta' attrici FAPL tibbaza l-kawza taghha fuq Artikolu 43 (1) tal-Kap. 415 li jipprovdi hekk:-

**"*Meta xi hadd jikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis fuq xi xoghol huwa jkun jista', fuq istanza tal-proprjetarju ta' dawk id-drittijiet tal-awtur jew ta' detentur ta' drittijiet, jigu kundannati mill-Qorti Civili, Prim'Awla ghall-hlas tad-danni jew ghall-hlas ta' penali li tigi stabilita skond skala ta' multi li tigi preskritta mill-Ministru, kif dik il-Qorti, wara li tiehu kont tac-cirkostanzi tal-kaz, jidhirla xierqa, u ghar-restituzzjoni tal-qliegh kollu li jkun sar mill-kontravenzjoni tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis*".**

Illi il-Qorti tirrileva li qabel ma tikkunsidra l-applikabbilita' tal-Artikolu citat, huwa necessarju ghaliha li fl-ewwel lok tara u tiddeciedi jekk fl-ewwel lok, FAPL ghandhiex drittijiet tal-awtur u fit-tieni lok jekk tali drittijiet (dejjem jekk huma ezistenti), gewx lezi mis-socjeta' konvenuta jew le.

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fl-ismijiet **Football Association Premier League Limited vs QC Leisure**[10] u **Karen Murphy vs Media Protection Services Limited**[11] fejn f'kaz simili, l-Qorti ddikjarat li **"*FAPL cannot hold copyrights in the live football matches since they cannot be classified as works….To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation...However, sporting events cannot be regarded as intellectual creations", and***

10 (C403/08) deciza fl-4 ta' Ottubru 2011

11 (C429/08) deciza fl-4 ta' Ottubru 2011

***football matches … which are subject to rules of the game, leave "no room for creative freedom*"**.

Illi ghalhekk, *ai termini* tal-istess decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fl-ismijiet msemmija aktar ‘il fuq, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li, gialadarba s-socjeta’ attrici FAPL m’ghandhiex drittijiet tal-awtur, hija qatt ma setghet sofriet xi ksur ta’ xi allegati drittijiet u ghalhekk, il-Qorti ma thossx li hu opportun li tidhol fil-kwistjoni tal-allegat ksur. Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva wkoll li minkejja li s-socjetajiet attrici jaghmlu referenza ghar-rapport peritali tal-Avukat Dr. Ramona Frendo fir-rikors 450/2007 u jallegaw illi dan huwa favur l-istess socjetajiet attrici, fis-sens li l-Perit legali tikkonkludi li kien hemm ksur tad-dritt tal-awtur tal-FAPL, il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok, ma ngabet prova dwar tali rapport, iz-zewg kazijiet in kwistjoni huma separati ghal kollox u fuq kollox, din il-Qorti m’ghandha ebda garanzija li l-Qorti kif diversament preseduta ser taghmel bhala taghha l-istess konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Legali *stante* li l-Qorti dejjem ghandha diskrezzjoni sabiex ma taqbilx ma’ tali rapport. *Di piu’,* din il-Qorti m’ghadnha ebda hjiel dwar meta tali rapport gie prezentat, fis-sens li m’hemmx hjiel dwar jekk tali rapport giex prezentat qabel jew wara l-kawzi imsemmija aktar ‘il fuq u li tefghu dawl gdid fuq l-allegat dritt tal-awtur tal-FAPL.

<u>Ksur tad-Drittijiet relatati mal-esklussivita’ favur Melita Plc</u>

Illi is-socjeta’ attrici tikkontendi li d-dritt ta’ esklussivita’ taghha gie miksur minhabba l-agir tas-socjeta’ konvenuta. Sabiex tigi evitata repetizzjoni zejda, il-Qorti taghmel referenza ghal dak citat taht il-paragrafu relattiv ghat-tieni eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u terga tikkonferma li m’ghandha ebda dubju li s-socjeta’ Melita Plc, ghaz-zmien relattiv, kellha f’idejha l-esklussivita’ tax-xandir tal-loghob tal-Premier Ingliz. Jifdal biss allura sabiex il-Qorti tiddeciedi jekk dan id- dritt ta’ esklussivita’ giex miksur mis-socjeta’ konvenuta.

Illi il-Qorti tara illi f’dan l-istadju huwa mportanti li jinghad li kuntratti li permezz taghhom jigi ristrett xi forma ta’ servizz

jew importazzjoni huma prekluzi mill-ligi applikabbli tal-kompetizzjoni, u dan gie diversi drabi kkonfermat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea. Fil-kamp specifiku ta' drittijiet tal-awtur kontra l-principju tal-*freedom to provide services* is-socjetajiet attrici jaghmlu diversi referenzi ghal kazistika u jzidu jghidu wkoll li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea dejjem sostniet li huwa gustifikat li jkun hemm restrizzjoni fuq il-*freedom to provide services* kemm –il darba din ir-restrizzjoni hija gustifikata ghal ragunijiet ta' protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjeta' intelletwali. F'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fl-ismijiet **Karen Murphy vs Media Protection Services Limited**[12] fejn l-attur Karen Murphy, bħala s-sid ta' *pub* kien gie mmultat diversi drabi talli uza *decorder cards* Griegi biex b'hekk jissorpassa l-kontrolli tax-xandir relatati mal-*football* ingliz imposti mill-FAPL (Football Association Premier League Ltd) u l-licenzjata tieghu. Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea, wara li kkunsidrat il-fatti, waslet ghad-decizjoni li l-projbizzjoni fuq l-attur sabiex ixandar il-loghbiet permezz ta' *decoder cards* barranin hija wahda illegali *stante* li tmur kontra Artikolu 56TFEU, filwaqt li d-derogazzjonijiet mill-istess principju jinghataw biss "***to the extent to which they are justified for the purpose of safeguarding the rights which constitute the specific subject-matter of the intellectual property concerned***". Fil-kawza hawn fuq imsemmija, il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea stqarret illi l-projbizzjoni tad-*decoders* barranin (precizament bhal m'huwa l-kaz odjern) tmur lil hinn minn dak li hu necessarju sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' remunerazzjoni ghal dawk li ghandhom tali dritt in kwistjoni ghaliex fi kliem l-istess Qorti "***Appropriate remuneration did not mean "the highest possible remuneration***"

Illi ghalhekk, din il-Qorti fl-ewwel lok trid ticcara li minkejja li gie ampjament pruvat li s-socjeta' attrici kienet tgawdi mill-esklussivita' tax-xandir, din l-esklussivita' kienet tkun biss konformi mal-ligi, li kieku kienet applikata sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-awtur kif diga' gie accennat aktar 'il fuq.

12 (C429/08) deciza fl-4 ta' Ottubru 2011

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fl-ismijiet **Karen Murphy vs Media Protection Services Limited**[13] fejn l-istess Qorti ddikjarat ukoll li ***"FAPL cannot hold copyrights in the live football matches since they cannot be classified as works….To be so classified, the subject-matter concerned would have to be original in the sense that it is its author's own intellectual creation...However, sporting events cannot be regarded as intellectual creations", and football matches … which are subject to rules of the game, leave "no room for creative freedom*".**

Illi gialadarba, kif diga' gie rilevat u msemmi permezz ta' gurisprudenza citata aktar 'il fuq, jirrizulta li l-FAPL lanqas ghandha drittijiet tal-awtur, allura necessarjament, l-esklussivita' li tgawdi s-socjeta' attrici Melita Plc ma tista' qatt tgawdi minn xi deroga kontra l-projbizzjoni tax-xandir sabiex proprju jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-awtur. Dan necessarjament iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li, ghalkemm bejn is-socjetajiet atturi kien hemm kuntratt vinkolanti bejniethom u li permezz tieghu, s-socjeta' Melita Plc inghatat l-esklussivita' msemmija, gialadarba m'hemm ebda dritt tal-awtur favur FAPL, xejn ma seta' jzomm lis-socjeta' konvenuta milli tbiegh tali *decoders*. Dan ghaliex kollox jorbot fuq il-fatt dwar jekk hemmx dritt tal-awtur in kwistjoni jew le. Gialadarba kif diga' gie rilevat, li FAPL m'ghandu ebda drittijiet tal-awtur, allura m'hemm ebda ness bejn l-esklussivita' li kienet tgawdi Melita Plc u xi deroga li setghet saret ghall-principju relatat mal-*freedom to provide services*.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta filwaqt li tichad l-ewwel zewg talbiet attrici.

---

13 (C429/08) deciza fl-4 ta' Ottubru 2011

**4. Dwar ir-raba’ eccezzjoni u cioe’ dik li s-socjeta’ intimata m’ghandha ebda obbligazzjoni kuntrattwali mal-ebda mis-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk, dak miftiehem bejniethom jikkostitwixxi *res inter alios acta* fil-konfront tal-istess socjeta’ intimata:**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li bejn iz-zewg socjetajiet atturi hemm obbligazzjonijiet ta’ natura kuntrattwali, u dan kif diga’ gie diskuss aktar ‘il fuq. Konsegwenzjalment, l-obbligazzjonijiet taz-zewg socjetajiet johorgu mill-istess kuntratti msemmija (partikolarment Dok. OW1 u Dok. OW2) izda jrid jigi rilevat ukoll li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, specjalment fil-konfront ma’ terzi, temani mil-ligi stess (u li dwarha din il-Qorti diga’ dahlet fid-dettal fil-paragrafi precedenti) u ghalhekk ftit jibqa’ rilevanti jekk is-socjeta’ konvenuta kienitx parti mill-ftehim milqugh bejn l-atturi jew le.

Konsegwentement, l-applikazzjoni tal-principju tar-*res inter alios acta* mhux applikabbli ghall-kaz odjern u ghalhekk, il-Qorti qieghda tichad ir-raba’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

**5. Dwar il-hames eccezzjoni u cioe’ li s-socjeta konvenuta aggixxiet legalment, *in buona fede* u li ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghall ebda danni reklamati:**

Is-socjeta’ konvenuta tippremetti li l-bejgh tal-*cards* u sistemi li permezz taghhom jinghata access ghal-loghob tal-premier Ingliz, minghajr din ma kienet debitament awtorizzata mill-premier league sabiex taghmel dan, sar in *buona fede* u ghalhekk ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni allegati.

Illi dwar jekk is-socjeta’ konvenuta attwalment bieghetx tali *cards* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni, u dan *stante* li mid-dicitura tal-istess eccezzjoni, jidher li s-socjeta’ konvenuta stess qed tikkonferma li ghamlet dan il-bejgh (izda zzomm ferm illi dan ghamlitu in *buona fede*). *Di piu,’* il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-affidavit ta’ Charles

Pisani[14] u s-*cd* annessa mal-istess affidavit[15] u li permezz taghhom, jirrizulta bl-aktar mod car li s-socjeta' konvenuta attwalment bieghet tali *cards* jew sistemi. Jifdal allura lil din il-Qorti sabiex tevalwa jekk it-tezi tal-istess socjeta' konvenuta, u cioe' li hija agixxiet in *buona fede,* tistax tkun ta' difiza ghall-istess socjeta' konvenuta u fuq kollox, jekk il-principji u r-rekwiziti applikabbli gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi f'dan il-kuntest u stadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Pia Grech vs Mondial Travel**[16] fejn il-kuncett u principju ta' *buona fede* gie spjegat bil-mod segwenti:

***"la buona fede va intesa in senso oggettivo, quale criterio di correttezza alla stregua dal quale valutare se lo squilibrio derivante dalla clausola sia o meno significativo. Cosi intesa, la buona fede dota l'interprete di un essenziale criterio per la verifica dell' abusivita della clausola, tale essendo la clausola che squilibri un contratto del canone della buona fede. Pertanto la norma andrebbe letta nel senso che la clausola è abusiva se determina uno squilibrio significantivo e lo squilibrio va considerato significativo quando comporta una disparita` di trattamento tra le parti che, secondo i principi di correttezza, non è accettabile da parte dell'ordinamento giuridico".***

Il-Qorti tirrileva li huwa principju stabbilit li kwantu ghall-*buona fede,* din hija prezunta bil-ligi, u ghalhekk il-prova kuntrarja tinkombi fuq min irid jattakkaha. Is-socjetajiet rikorrenti ma jsemmu ebda premessa relatata mal-*buona fede* jew le izda jallegaw il-ksur tad-drittijiet taghhom tal-awtur u drittijiet ta' esklussivita'. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jaghmlu enfasi kbira fuq l-allegat nuqqas ta' *buona fede* da parti tas-socjeta' konvenuta u jaghtu spjegazzjoni dettaljata ghala tali

14 Esebit a fol 303 tal-process

15 Esebita a fol 304 tal-process

16 Deciza nhar is-7 ta' Novembru 2008 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

*buona fede* ma tirrizultax, pero' il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-socjetajiet attrici ghaliex huwa aktar vero-simili li jekk wiehed ikun konxju mill-fatt li tali *decoder cards* huma illegali, ma johroghomx ghall-bejgh jew li sahansitra jirraklamhom. Il-fatt li tali reklamar sar tant b'mod apert mis-socjeta' konvenuta (u dan kif jirrizulta minn Dok. BG2[17] kif ukoll mill-prova tar-riklami li l-istess socjeta' konvenuta ghamlet b'referenza ghall-istess *decoders*), huwa indikazzjoni cara ghall-Qorti li s-socjeta' konvenuta agixxiet in *buona fede* u b'konvinzjoni li tali *decoders* ingabu f'pajjizna skond il-ligi. Li kieku dan ma kienx il-kaz u li kieku s-socjeta' konvenuta kienet verament taf li tali *decoders* kienu illegali, zgur li l-istess socjeta' konvenuta ma kienitx ser tohroghom fl-apert, anzi kienet taghmel dak kollu li hu possibbli biex tahbihom.

In vista ta' dak suespost, il-Qorti qieghda tilqa' l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

**6. Dwar id-danni allegatament sofferti**

In kwantu ghad-danni mitluba, s-socjetajiet attrici ghamlu referenza ghal artikolu 12 tal-Kap. 488 li jaghti lok ghad-danni kummensurati ghal-pregudizzju soffert inkluz konsegwenzi ekonomici avversi, inkluz telf ta' profitt mis-socjetajiet attrici u profitti mhux gusti maghmula mis-socjeta' konvenuta, tenut kont anki tal-pregudizzju morali sofferti. Min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta, permezz tas-sitt eccezzjoni taghha tikkontendi li d-danni soggetti ghal-likwidazzjoni ta' din il-Qorti ghandhom ikunu danni sofferti u mhux ipotetici u li fuq kollox iridu jippruvaw li l-istess danni allegatament sofferti huma rizultat ta' xi azzjoni jew ommissjoni da parti tas-socjeta' intimata.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Camilleri **Margaret et vs. The Cargo Handling Company Limited**[18] '***l-likwidazzjoni tad-danni mill-Qorti stess li tkun qed tisma' u tiddeciedi l-kwistjoni huwa possibli fis-sistema tal-ligi taghna. Il-poter diskrezzjonali li***

17 Liema dokument huwa anness man-nota tas-socjeta' konvenuta tat-12 ta' Awwissu 2010

18 Deciza nhar it-13 ta' Ottubru 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***jillikwida telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitativa - tezisti fis-sistema gudizjarja taghna***'.

Illi il-Qorti thoss li gialadarba, hekk kif diga' intqal aktar 'il fuq, jirrizulta ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-awtur relatati max-xandir tal-*football, stante* li dawn m'humiex xogholijiet taghha jew li b'xi mod huma kreazzjoni tal-istess socjetajiet atturi, allura l-kwistjoni tal-allegati danni u likwidazzjoni tal-istess m'hijiex applikabbli f'kull sens. Izda ghal finijiet ta' kompletezza, din il-Qorti qieghda tilqa' s-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta *stante* li d-danni allegati mis-socjetajiet attrici, specjalment da parti tas-socjeta' konvenuta Melita Plc[19], huma esagerati u eccessivi peress li m'humiex danni fattwali izda huma mahduma a bazi ta' probabilta'.

**7. Dwar is-seba' eccezzjoni tas-socjeta' intimata relatata ma' diversi atti u dokumenti prezentati in atti u relattivi ghal xi negozjati u diskussjonijiet li setghu saru qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni li saru dejjem fuq bazi ta' minghajr pregudizzju:**

Illi dwar l-uzu tat-terminu 'Bla Pregudizzju', il-Qorti tirrileva li kif inhu magħruf, it-transazzjoni ta' kwistjoni hi nkoraġġita, sew jekk it-transazzjoni sseħħ qabel ma tinfetaħ kawża, u sew jekk wara. Biex isseħħ transazzjoni, iridu jsiru negozjati. U biex negozjati jkunu jistgħu iwasslu għall-għan aħħari tagħhom, il-partijiet iridu jkunu ħielsa li jitkellmu apertament dwar il-kwistjoni ta' bejniethom, mingħajr biża li dak li jkun intqal fil-kuntest tan-negozjati jintuża kontrihom f'Qorti jekk it-transazzjoni ma sseħħx. Hu għalhekk li negozjati jsiru fuq bażi ta' 'mingħajr preġudizzju'. Meta jintuża f'dan il-kuntest, it-terminu jfisser li dak li jinkiteb u dak li jintqal fi sforz biex isseħħ transazzjoni ma jistax jintuża quddiem Qorti. Meta jintuża f'kuntesti oħra, it-terminu "mingħajr preġudizzju" għandu tifsiriet oħra. Billi l-użu korrett tat-terminu hu ta'importanza kbira, il-Qorti ser tidhol fit-tifsiriet differenti tat-terminu:

19 Ara l-prospett fl-affidavit ta' Jean Pierre Scerri a fol 88 tal-process

(a) <u>Inammissibilita’: il-bażi legali</u>

Illi prova ta’ dak diskuss jew miktub f’dan il-kuntest ma tistax issir għal żewġ raġunijiet: Fl-ewwel lok għaliex l-ordni pubbliku li jinkoraġġixxi t-transazzjonijiet hekk irid u fit-tieni lok għaliex il-ftehim ta’ bejn il-partijiet hi l-liġi ta’ bejniethom.

Illi dwar l-ordni pubbliku, jigi rilevat li t-transazzjoni hi waħda mill-modi ta’ kif tintemm obbligazzjoni. Insibu fl-artikolu 1718(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), illi: “***it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partjjiet, b’xi ħaga li jagħtu, iwiegħdu jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawza mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir***.”

Illi l-importanza li l-istat jagħti lit-transazzjoni hi waħda impliċita, u dejjem ġiet rikonoxxuta. Wieħed isib ukoll il-konferma ta dan f’ħafna aspetti tal-liġi: per eżempju fil-fatt li transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, mhux biss is-solitu effett ta’ kuntratt, li hu l-liġi bejniethom[20], imma effett ta’ *res judicata*[21]; ukoll, jekk kawża tiġi transatta, l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment.

Il-qrati rrikonoxxew il-politika favur it-transazzjonijiet. Irrikonoxxew ukoll il-bżonn, f’dan il-kuntest, li dak li jkun seħħ fuq bażi mingħajr preġudizzju ma jitqiesx bħala prova. Hekk insibu li fil-kawża **Joseph Grech et vs John u Filippa konjuġi Amato et**[22], fejn l-atturi ttentaw jistrieħu fuq korrispondenza li kienet ġiet skambjata bejn l-avukati tal-partijiet mingħajr pregudizzju sabiex isostnu t-talbiet taghhom. Rigward it-terminu “mingħajr pregudizzju”, il-Qorti qalet li dan:

“***dejjem kien jinftiehem li ma jservix biex b’xi mod, waqt proċeduri li l quddiem jistgħu jsiru dak li jingħad fihom jintuża biex isawwat lil xi waħda mill-partijiet. Kemm hu hekk, għalkemm minn dik il-korrispondenza***

20 Art 992, Kodiċi Ċivili

21 Art 1729, Kodiċi Ċivili

22 Prim Awla tal-Qorti Civili – 31 ta’ Jannar 2001

***jidher li l-konvenuti kienu aċċettaw responsabbilta', il-Qorti m'hijiex sejra tqis dik l-istqarrija bħala prova.***"

L-importanza, mill-punto di vista ta' ordni pubbliku, ta' din ir-regola toħroġ ukoll mill-Kodiċi tal-Etika u Mġieba għall-Avukati. Skond-regola 12 tar-raba' parti ta' l- ewwel kapitolu tal-Kodiċi:

"***L-avukati li jkunu qeghdin jittrattaw barra mill-Qorti jew tribunal, biex jittransigu xi kawza mibdija jew li tista' tinbeda, ma jistghux jaghmlu uzu fil-Qorti minn dak kollu li jkun ghadda bejn il-partijiet, hlief bil-ftehim mal-parti l-ohra, u l-kontenut tat-trattativi ma ghandux jigi mgharraf lill-Qorti jew tribunal hlief bi ftehim***."

Strettament, din ir-regola torbot lill-avukati, u mhux lill-partijiet. Pero' l-qrati tagħna interpretaw, fil-fehma tal-Kamra korrettement, din ir-regola bħala estensjoni tar-regola bażilari, fis-sens li fejn avukati jkunu involuti fi trattativi, huma mhux biss il-partijiet li ma jistgħux jużaw il-kontenut, imma l-avukati ukoll.

Illi l-obbligu ta' avukat li josserva dan il-prinċipju ġie espressament rikonoxxut mill- Prim Awla tal-Qorti Ċivili, hekk kif jidher minn verbal datat 17 ta' Novembru 2004 fil-kawża **Mary Zammit et vs Rosemary Gonzi et**, fejn il-Qorti rrilevat illi: "***il-Kodiċi tal-Etika fir-Regolament Numru 12 torbot lill-Avukat biex ma jagħmilx użu fil-Qorti minn trattativi li jkunu saru bl-intendiment li l-vertenza tiġi transatta***."

<u>(b) L-aspett konvenzjonali</u>

Illi dan il-Kodiċi m'għadux kodiċi maħruġ mill-avukati għall-avukati. Il-Kodiċi hu maħruġ mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u għandu l-forza tal-liġi. Meta wżat f'kuntest ta' transazzjoni, it-terminu in kwistjoni għandu tifsira magħrufa, u għalhekk meta partijiet jużawh tajjeb hu ċar li jkunu jridu jintrabtu, kuntrattwalment, bil-konsegwenza tal-inammissibilita. U la darba jintrabtu, dik

ir- rabta tgħodd bħala l-liġi ta' bejn il-partijiet[23] u l-qrati għandhom jimplimentawha billi ma jippermettux li jitressqu provi f'dan ir-rigward. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, l-qrati għandhom ukoll jirriferu l-kwistjoni fir-rigward ta' l-avukat jew avukati lill- Kumitat għall-Avukati.

Illi r-regola dwar l-inammissibilita ta' dak diskuss, kemm bil-fomm u kif ukoll bil-miktub, għandha l-bażi tagħha kemm fl-ordni pubbliku u kif ukoll fil-kamp tal-kontrattazzjoni, ġie artikolat minn **L J Oliver u L J Fox** fil-kawża **Cutts vs Head and Another**[24]. Dwar l-ewwel aspett, L J Oliver kellu dan x'jgħid:

***"That the rule rests, at least in part, upon public policy is clear from many authorities, and the convenient starting point of the inquiry is the nature of the underlying policy. It is that parties should be encouraged so far as possible to settle their disputes without resort to litigation and should not be discouraged by the knowledge that anything that is said in the course of such negotiations (and that includes, of course, as much the failure to reply to an offer as an actual reply) …may be used to their prejudice in the course of the proceedings. They should... be encouraged fully and frankly to put their cards on the table... The public policy justification, in truth, essentially rests on the desirability of preventing statements or offers made in the course of negotiations for settlement being brought before the court of trial as admissions on the question of liability."***

Illi dwar l-aspett konvenzjonali, L J Fox qal hekk:

"[the expression „without prejudice"] ***must be read as creating a situation of mutuality which enables both sides to take advantage of the "without prejudice"***

23 Court of Appeal – [1984] Ch.290

24 Muller v. Linsley and Mortimer, Court of Appeal – [1996] P.N.L.R. 74

***protection. The juridical basis of that must, I think, in part derive from an implied agreement between the parties and in part from public policy. As to the former, Bowen L.J. in Walker v. Wilsher, 23 Q.B.D. 335, after the passage against compromises, went on to say, at p.339: "The agreement that the letter is without prejudice ought, I think, to be carried out in its full integrity***."

B'mod sintetiku u luċidu, L J Hoffman qal hekk dwar is-sentenza **Cutts v. Head**:
"***Cutts v. Head shows that the rule has two justifications. Firstly, the public policy of encouraging parties to negotiate and settle their disputes out of court and, secondly, an implied agreement arising out of what is commonly understood to be the consequences of offering or agreeing to negotiate without prejudice. In some cases both of these justifications are present; in others, only one or the other***."

Illi ghalhekk, in vista ta' dak suespost u b'referenza ghal numru ta' dokumenti esebiti in atti, fosthom korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet u / jew l-avukati rispettivi taghhom (fosthom l-email annessi mar-rikors promotur), kif ukoll dokumenti, fosthom arrangamenti u kuntratti li qatt ma gew iffirmati u / jew iffinalizzati *stante* li fuq uhud minnhom jirrizultaw it-*track changes* u li allura jkomplu jaghtu prova tal-komunikazzjoni bejn il-partijiet relatati ma' possibilita' ta' transazzjoni, il-Qorti qieghda tiskarta tali dokumentazzjoni abbazi tal-fatt li tali dokumenti u komunikazzjonijiet kienu intizi bla pregudizzju sabiex iwasslu lill-partijiet ghal ftehim bonarju, barra l-Qorti u konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa' ukoll is-seba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Illi ghal finijiet ta' kjarezza wkoll, b'referenza ghar-rikors intavolat mis-socjeta' konvenuta nhar is-7 ta' Frar 2012 u li permezz tieghu, din il-Qorti giet mitluba tawtorizza l-prezentata ta' decizjoni tal-Qorti Ewropea, il-Qorti laqghet it-talba u tiddikjara li hadet konjizzjoni tal-istess decizjoni fis-sentenza prezenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tichad l-ewwel u t-tieni u ir-raba eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, filwaqt li tilqa’ t-tielet, il-hames, is-sitt u s-seba’ eccezzjonijiet tal-istess socjeta’ konvenuta; Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------